MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 207/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Rodney Casha**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Rodney Casha ta' 23 sena, bin Godfrey u Rita nee' Busuttil, mwieled il-Pieta' fis-7 ta' Frar 1984 u residenti Flt Nru. 2, 'Franklyn Flats', Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 115784(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-12 ta' Marzu, 2007 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti

gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-art. 18, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A) Nhar is-27 ta' Frar, 2007, ghal habta tas-6.50 ta' filghaxija, minn gewwa l-ispizerija Portelli, li tinsab fi Triq Hal Luqa, gewwa Rahal Gdid, ikkommetta is-serq ta' Lm427 fi flus, ghad-dannu ta' Noella Mule Sciriha minn Marsaxlokk u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dana bi ksur ta' l-art. 262, 263, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra l-persuna ta' Jonathan Cini minn Birkirkara kontra l-volonta' tieghu, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata waqt liema delitt heddu li joqtlu jew jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu u dana bi ksur ta' l-art. 86 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew delitt ta' serq jew ta' hsara lill-propjeta' (barra minn hsara involontarja lill-propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

D) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Jonathan Cini minn Birkirkara permezz ta' arma regolari.

E) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

F) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex iggieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dana bi ksur ta' l-art. 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza u dana bi ksur ta’ l-art. 251(B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

H) Nhar it-3 ta’ Marzu, 2007, ghal habta tal-12.15 ta’ wara nofsinhar, minn gewwa l-ispizerija Santa Lucia, li tinsab fi f’misrah Dorrell, gewwa Santa Lucija, ikkommetta is-serq ta’ Lm55 fi flus, ghad-dannu ta’ Raymond Xuereb minn Santa Lucia u persuni ohra liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza u bil-mezz u dana bi ksur ta’ l-art. 262, 263 u 276(A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

I) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra l-persuna ta’ Raymond Xuereb minn Santa Lucija kontra l-volonta’ tieghu, jew ta’ il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata waqt liema delitt heddu li joqtlu jew jaghmel offiza fuq il-persuna tieghu u dana bi ksur ta’ l-art. 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

J) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra s-sigurta’ tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-propjeta’ (barra minn hsara involontarja lill-propjeta’) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

K) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Raymond Xuereb minn Santa Lucija permezz ta’ arma regolari.

L) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

M) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex iggieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli issir, jew jonqos

milli jaghmel xi haga u dana bi ksur ta’ l-art. 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

N) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza u dana bi ksur ta’ l-art. 251(B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

O) Nhar it-12 ta’ Marzu, 2007 ghal habta tas-7.00 ta’ filghaxija, gewwa Hal Tarxien, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ dak ta; serq minn hanut, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dana bi ksur ta’ l-art. 41(1)(a), 262, 263, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

P) Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, xjentement, issoprima jew b’xi mod iehor qered jew biddel t-tracci jew l-indizzji tar-reat u dana bi ksur ta’ l-artiklu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Q) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat hallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-art. 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 7 ta’ Mejju 2008 (esebita a fol. 183 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 276(A), 277(b), 278, 279, 86, 339(1)(e), 251(1), 251(1)(B), 111(2), 533 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 277(b), 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 55, 6, 52(7) tal-Kap. 480 ;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta’ Ottubru 2009, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg hold-ups li sehhew fis-27 ta’ Frar 2007 u fit-3 ta Marzu 2007 rispettivament, l-ewwel hold-up sehh f’Portelli Pharmacy, f’Rahal-il-Gdid fejn insterqu Lm427 u t-tieni hold-up sehh minn Santa Lucia Pharmacy, Santa Lucija fejn insterqu Lm55 kif ukoll attentat ta’ hold-up li sehh fit-12 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.00pm. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz irrizulta li kemm fil-hold-up minn Portelli Pharmacy kif ukoll fil-hold-up minn Santa Lucija Pharmacy dahal guvni b’barnuza b’ghajnejh biss jidhru u b’sikkina mohbija fil-gakketta li huwa wera lill-ispizjar li kien hemm fl-ispizeriji msemmija u talab lil dawn tal-ahhar sabiex jaghtuh il-flus u mbaghad telaq ‘il barra bil-flus li ghaddewlu. Mill-provi rrizulta wkoll li fit-12 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.00pm waqt li PS 945 John Cilia kien qed jaghmel patrol fi Triq it-Tempji Neolitici, f’Hal-Tarxien huwa nnota guvni b’barnuza f’rasu qed jagixxi b’mod suspettuz u huwa ghalhekk waqqaf lil dan il-guvni u talbu il-particulars u dan il-guvni li ma kellux il-karta tal-identita’

fuqu wrieh id-dokument tal-vot. Meta dan il-guvni telaq min fuq il-post certu Alfred Tabone sid ta' hanut fl-imsemmija triq gibed l-attenzjoni tas-Surgent li huwa kien ra lil dak il-guvni, li gie identifikat bhala l-imputat, jarmi xi haga taht karozza li kien hemm parkeggjata fl-imsemmija triq. Meta s-Surgent fittex taht il-vettura lilu ndikata instabet is-sikkina mmarkata bhala Dok. JB2. Peress li s–Surgent kien ha l-particulars tal-imputat dan tal-ahhar gie arrestat u huwa rrilaxxja tlett stqarrijiet (inseriti a fol. 34 sa 46 fejn mhux biss ammetta li fil-mument li huwa gie mwaqqaf minn PS945 huwa kien ser jaghmel hold-up minn wiehed mill-hwienet fl-inhawi ta' fejn twaqqaf izda fejn ammetta wkoll li huwa kien il-persuna li effetwa il-hold up tas-27 ta' Frar 2007 minn Portelli Pharmacy kif ukoll il-hold-up tat-3 ta' Marzu 2007 minn Santa Lucija Pharmacy. Huwa spjega lil Pulizija li huwa kellu problema akuta ta' abbuz mid-droga u li kien uza il-flus li seraq fiz-zewg hold-ups imsemmija sabiex jixtri d-droga.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi mmarkati minn 'a' sa 'g' jirrigwardaw il-hold-up tas-27 ta' Frar 2007 minn Portelli Pharmacy. Permezz tal-akkuza mmarkata bhala 'a' l-imputat jinsab akkuzat bis-serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin tas-somma ta' Lm427 ghad-detriment ta' Noella Mule' Schriha filwaqt li fl-akkuza mmarkata bhala 'b' l-imputat jinsab akkuzat bl-arrest illegali ta' Jonathan Cini, fl-akkuza mmarkata bhala 'c' huwa jinsab akkuzat li waqt li kien qed jikkommetti delitt huwa kellu fil-pussess tieghu arma regolari. L-akkuza mmarkata bhala 'd' tirrigwarda theddid ta' mewt b'arma regolari. L-akkuza mmarkata bhala 'e' tirrigwarda il-pussess ta' arma regolari jew strument bil-ponta minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li l-akkuzi mmarkati bhala 'f' u 'g' jirrigwardaw ir-reati ta' vjolenza kontra l-privat u ta' mgieba li ggieghel lil terz jew terzi jibzghu li ser tinutza vjonenza kontra taghhom kontemplati fl-Artikoli 251(1) u 251B tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-akkuzi mmarkati bhala 'a', 'b', c' u 'e' u 'f' jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull

dubju dettat mir-raguni mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat stess, u li saret referenza ghalihom aktar ‘il fuq fejn l-imputat ammetta mal-Pulizija mhux biss li kien huwa li effetwa l-hold-up minn Portelli Pharmacy izda ta d-dettalji lil Pulizija dwar il-mod kif kien effetwa dan il-hold-up. Ghal finijiet ta’ piena l-akkuza mmarkata bhala ‘b’ ser titqies bhala mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward. Il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mid-Difiza li l-akkuzi mmarkati bhala d’ u ‘g’ ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. In kwantu jirrigwarda l-akkuza mmarkata bhala ‘d’ Jonathan Cini l-ispizjar li kien f’Portelli Pharmacy dakinhar tal-hold-up, meta xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2007 fl-ebda hin ma indika li l-imputat kien ipponta l-arma lejh u heddu li ser joqtlu izda qal biss li s-sikkina kienet fl-id tal-gakketta li kien liebes l-imputat u li dan tal-ahhar wrieh is-sikkina li baqghet fil-gakketta u talbu l-flus umbaghad telaq ‘il barra immedjatament malli nghata l-flus. Dan l-agir jista’ jitqies li jammonta ghal vjolenza kontra l-privat izda bl-ebda mod ma jista’ jitqies bhala theddida ta’ mewt b’arma. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-fatti ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 251B izda biss f’dak kontemplat fl-Artikolu 251(1) l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuza mmarkata bhala ‘f’ izda mhux tal-akkuza mmarkata bhala ‘g’. In kwantu jirrigwarda l-akkuza mmarkata bhala ‘g’. l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Massimo Tivisini’ datata 27 ta’ Frar 2009 fejn gie stabbilit li “l-artikolu 251B johloq ir-reat ta’ min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta’ tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe’ li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza (“*whose course of conduct is in question*”), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza’ f’haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f’ xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza’ fil-

persuna l-ohra f’ dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*.

Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*Harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien."*

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi mmarkati bhala h’ sa ‘n’ jirrigwardaw il-hold-up tat-3 ta’ Marzu 2007 minn Santa Lucija Pharmacy. Kif intqal fil-paragrafu precedenti l-akkuzi mmarkati bhala ‘h’, ‘I’ ‘j’, ‘l’ u ‘m’ jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi kemm minn dak li qal l-imputat fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati kif ukoll minn dak li xehed Raymond Xuereb il-propjetarju tal-ispizerija in kwistjoni. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li l-akkuza mmarkata bhal ‘k’ bl-ebda mod ma tista’ titqies pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li meta xehed Raymond Xuereb f’dawn il-proceduri huwa bl-ebda mod ma indika li l-imputat kien heddu bil-mewt billi pponta s-sikkina lejh. Kull ma qal dan ix-xhud kien li l-imputat hareg is-sikkina aktar ‘il barra mill-komma tal-gakketta u qallu sabiex jghaggel u jaghtih il-flus qabel ma jidhlu xi nies ohra fl-ispizerija. F’dan il-kaz bhal ma diga inghad in kwantu jirrigwarda il-hold-up ta’ Portelli Pharmacy il-fatti

jinkwadraw ruhhom biss fir-reat kontemplat fl-Artikolu 251(1) izda mhux fir-reat indikat fl-Artikolu 251B u dan ghall-istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuzi mmarkati bhala ‘h’. ‘i’, ‘j’, ‘l’ u ‘m’ izda mhux tal-akkuzi mmarkati bhala ‘k’ u ‘n’.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi mmarkati bhala ‘o’, ‘p’ u ‘q’ jirrigwardaw l-attentat ta’ hold-up tat-12 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tas-7.00pm meta l-imputat tista’ tghid gie ntercettat mill-Pulizija qabel ma ‘ex admissis’ kien ser iwettaq hold-up iehor. L-istess imputat meta rrilaxxja l-istqarrijiet ammetta li fil-mument li twaqqaf minn PS945 huwa kien ser jeffetwa hold-up minn wiehed mill-hwienet fl-inhawi fejn gie mwaqqaf u li huwa rema s-sikkina taht vettura ghaliex ra l-vettura tal-Pulizija tieqaf. Permezz tal-akkuza mmarkata bhala ‘o’ l-imputat jinsab akkuzat ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin. Filwaqt li l-Qorti taqbel li mill-provi jirrizulta li l-attentat ta’ serq kien ser ikun aggravat bil-vjolenza u bil-hin ghaliex l-imputat kellu s-sikkina fil-pussess tieghu u in kwantu jirrigwarda l-hin jirrizulta li s-serqa kienet ser issir wara is-7.00pm, l-aggravji tal-mezz u tal-valur ma jirrizultawx pruvati. Il-Qorti jidrilha wkoll li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-akkuza mmarkata bhala ‘p’ ghaliex il-fatt li huwa rema’ s-sikkina taht il-karozza ma jistghax jitqies fih innifsu bhala qried ta’ tracci ta’ reat ghaliex fil-fatt it-tracca tar-reat, u cioe’ s-sikkina setghat tigi elevata mill-Pulizija u fil-fatt saru fuqha testijiet forensici u l-istess sikkina tinsab esebita in atti (Dok. JB2). Irid jigi rilevat inoltre li kieku ma nstabitx is-sikkina kien ikun difficli jekk mhux impossibbli li jigi arrestat l-imputat in konnessjoni mal-attentat ta’ hold-up jew in konnessjoni mal-hold-ups l-ohra.  In kwantu jirrigwarda l-attentat ta’ hold-up tat-12 ta’ Marzu 2007 l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuza mmarkata bhala ‘o’ limitatament in kwantu din tirrigwarda l-aggravji tal-vjolenza u l-hin. Huwa sejjer jinstab hati wkoll tal-akkuza mmarkata bhala ‘q’ u cioe’ il-pussess ta’ arma regolari minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-

Pulizija izda mhux ser jinstab hati tal-akkuza mmarkata bhala ‘p’ ghar-ragunijiet appena ndikati.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-aktar piena idoneja li tista’ tinghata lill-imputat. Mis-Social Inquiry Report esebit a fol. 251 et sequitur tal-atti processwali kif ukoll mix-xhieda tal-Probation Officer li hejja dan ir-rapport irrizulta li fiz-zmien li l-imputat wettaq ir-reati li taghhom huwa qed jinstab hati huwa kellu problema serja ta’ abbuz ta’ droga. Irrizulta wkoll li xi snin qabel meta l-imputat kien imur l-iskola sekondarja huwa ghadda minn problemi li effetwawh psikologikament u li l-Qorti ma jidrilhiex li ghandha ssemi f’din is-sentenza sabiex tiprotegi lill-imputat izda li ngabu provi inekwivokabbli dwarhom f’dawn il-proceduri. Mil-istess rapport irrizulta wkoll li ftit taz-zmien wara li nbdew il-proceduri odjerni l-imputat beda’ u ttermina b’success programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga u li llum il-gurnata huwa jinsab ri-integrat fis-socjeta’ b’impjieg fiss u hajja familjari stabbli u qieghed huwa stess jghin fil-kordinazzjoni ta’ programmi ghal persuni li qed jippruvaw jeghlbu l-problema ta’ abbuz mid-droga. Dan jirrizulta mhux biss mir-rapport tal-Probation Officer li hejja s-Social Inquiry Report izda anki mix-xhieda ta’ Dun Manwel Cordina mill-Fondazzjoni OASI. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-Probation Officer Ivan Sultana li piena karcerarja effettiva f’dan il-kaz tistultifika x-xoghol kollu siewi u produttiv li sar minn tant professjonisti fir-rijabilitazzjoni tal-imputat. Meta wiehed jikkunsidra wkoll li sa mill-bidu nett l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u fil-fatt kien huwa stess li ndikalhom l-involviment tieghu fil-hold-ups li saru minn Portelli Pharmacy u minn Santa Lucija Pharmacy il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz ghandha tapplika l-Artikolu 28A fil-konfronti tal-imputat sabiex tippermettielu jkompli fuq it-triq it-tajba li rnexxielu jaqbad u fl-istess hin timponielu deterrent jekk huwa jaghzel li jaqbad il-vizju tad-droga u t-triq tal-kriminalita’ sabiex isostni dan il-vizzju. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat hallas lura in toto l-ammonti minnu misruqa. Qed jigi precizat li mhux qed tigi imposta ordni ta supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali

stante li mill-fedina penali aggornata tal-imputat annessa mas-Social Inquiry Report jirrizulta li diga' hemm Probation Officer qed isegwi lill-imputat ai termini ta' Probation Order ta' tlett snin imposta minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-27 ta' Mejju 2008 u senjatament l-Artikoli 18, 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 276, 279, 86, 339(1)(e), 251(1), 41(1)(a), tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 55, 6, 52(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi mmarkati bhala 'a' 'b', ''c', 'e', 'f', 'h', 'i', 'j', 'l' , 'm', 'o' u 'q' u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum. B'riferenza ghall-akkuza mmarkata bhala; 'o' kif diga' spjegat aktar 'il fuq l-imputat qed jinstab hati limitatament in kwantu din l-akkuza hija riferibbli ghal serq aggravat bil-vjolenza u bil-hin. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf u tlettax-il ewro u disgha u sebghin ewro centezmi (€1013.79) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti inoltre tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina mmarkata bhala Dok. JB2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------